# QABEL L-IRQAD

## Ta' ĠUŻI ABELA

*Lil Ninu Cremona*

Waqfu mix-xogħol il-bdiewa
u mit-titjir l-agħsafar,
u nġabret ġewwa darha
in-nies ta' dan ir-raħal.
Għajjiena u tqila
strieħet ix-xemx
x'imkien 'il bogħod, weħidha.
Il-bidwi xwejjaħ
mill-ogħla tieqa ta' fuq l-għorfa
ħarsa mtaqqla bil-ħsieb
xeħet, u ftakar
kif qajl intemmet dik is-sieħba għaqlija,
u qajl qed joqrob tmiemu.
U x-xwejjaħ
l-imgħoddi ma tħassarx,
u ma bekiex
iż-żmien li kien jew seta' kien
għax minn żgħożitu għaraf
ta' kull ħajja t-tmiem.
Ħajtu kien għexha u ma xtaqhiex aħjar.
Jgħidu li hemm ħajja oħra
wara mewt il-bniedem,
ħaseb ix-xwejjaħ:
mitt darba raha r-rebbiegħa
w eluf ta' drabi x-xemx.
U dik ix-xewqa siekta
li f'qiegħ qalbna tnemnem
xegħlet f'għajnejn ix-xiħ.
U ħares ċass, mingħajr ma ra madwaru,
lejn dehriet oħra u lejn xefaq ieħor,
u bejn ħosbien u ċert, ferħan u mnikket,
daħal fil-friex ta' nagħsu u ta' ħolmietu
u bħal tarbija
raqad.